MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 37/2001/1

**Kummissarju ta' l-Art**

**vs**

**William Gatt**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art li jghdi hekk:

"Illi l-intimat gie notifikat b'Avviz ghall-Ftehim u bin-Notifika ta' Dikjarazzjoni tal-President datati 16 t'April, 2001, fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta li thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu ta' parti mill-fond numru 9 u 10 fi Triq tas-Sliema, Gzira, tal-kejl ta' madwar 40 metri kwadri, u tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u min-Nofsinhar u mill-Lvant ma proprjeta' tal-Kurja ta' l-Arcisqof, huwa ta' ghaxar t'elef Lira Maltija (Lm10,000), kif jidher mir-rapport tal-Perit Carmen V.

Sutton A.&C.E. tal-1 ta’ Novembru, 2000, li kopja tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim;

Illi fl-istess Avviz ta’ Ftehim u Notifika ta’ Dikjarazzjoni tal-President kien hemm intimati ohra.

Illi dawn il-persuni kienu Vincent Borg f’ismu proprju u f’isem l-assenti Emanuel Borg, Joseph Borg, David Borg, Mary Haber, Noel Borg u Elisa Borg, Carmelo Borg, Helen Mizzi, Theresa Bellizzi, Theresa Briffa, Frances Ellul, Josianne Bonnici, Miriam Debono, Sterling Car Rentals, u Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Hilda Ellul Mercer nominati b’digriet tal-31 ta’ Mejju, 2001 biex jirraprezentaw lil Natasha Gatt.

Illi l-persuni Vincent Borg f’ismu proprju u f’isem l-assenti Emanuel Borg, Joseph Borg, David Borg, Mary Haber, Noel Borg u Elisa Borg, Carmelo Borg, Helen Mizzi, Theresa Bellizzi, Theresa Briffa, Frances Ellul, Josianne Bonnici, Miriam Debono, Sterling Car Rentals u Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Hilda Ellul Mercer naqsu li jirrispondu fiz-zmien il-wiehed u ghoxrin (21) gurnata rikjesti mill-ligi u b’hekk dawn waqghu kontumaci.

Illi ghalhekk ir-rikors irid jimxi f’isem William Gatt peress illi b’ittra ufficjali tal-11 ta’ Mejju, 2001, l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert u jitlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ ghoxrin elf Lira Maltija (Lm20,000);

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrenti b’titolu ta’ xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-preovvedimenti ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88).”

Ra illi permezz ta' ittra ufficcjali tal-11 ta' Mejju 2001, l-intimat William Gatt rrisponda it-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet billi infurmah illi l-proposti tieghu mhumiex "accettabbli stante illi l-valur tal-"area" f'dak l-akkwati u li li l-valur konsiderevoli mhux inqas minn ghoxrin elf lira (LM20,000)";

Semgha lid-difensuri tal-parijiet;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC David Pave u l-Perit AIC Joseph Mizzi wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Huma ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza Dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u bhala rizultat huma tal-opinjoni illi l-proprjeta' in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta' fabbrikabbli u li l-valur tal-istess proprjeta' bhala libera u franka, u kif deskritta fid-dokumenti esibiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' hmistax il-elf lira maltin (Lm15000)

Illi l-ammont ta' Lm15,000.00 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 34,940.60 (erba u tletin elf, disa mija u erbghin euro u sittin centezmu)

Illi l-perit arkitett tal-awtorita tal-art kien ghamel stima tal-fond fl-ammont ta' Lm10,000 filwaqt illi l-intimat qed jistenna kumpens fl-ammont ta' Lm20,000;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur;

Illi fit-talba tieghu r-rikorrenti iddikjara li l-persuni minnu msemmija huma kontumaci hlief ghall-intimat u li ghalhekk

ir-rikors irid jimxi kontra William Gatt li kkontesta l-Avviz ghall-Ftehim. L-intimat esebixxa d-dokumenti kollha biex jipprova l-kontumacja tal-persuni minnu msemmija ko-propretarji tal-art de quo;

Ghal dawn il-mottivi, l-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimat u lill-persuni kontumaci msemmija fir-rikors promutur,  li titrasferixxu bhala libera u franka b'titolu ta' xiri assolut, il-fond fabbrikabbli ossia parti mill-fond numru 9 u 10 fi Triq tas-Sliema, Gzira, tal-kejl ta' madwar 40 metri kwadri, u tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika u min-Nofsinhar u mill-Lvant ma proprjeta' tal-Kurja ta' l-Arcisqof, kif ahjar immarkat u delineat fil-pjanta li tinsab annessa mal-process bhala Dok VM 1 bil-kumpens ta' Euro 34,940.60 (erba u tletin elf, disa mija u erbghin euro u sittin centezmu).

Jahtar lin-Nutar Dr. Vincent Miceli  bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-18 ta' Marzu, 2008 fis-2.30pm fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Georgine Grech LL.D biex tidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandha tkun mgharfa bil-hatra taghha bil-miktub mir-rikorrenti.  L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita' kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------